MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru. 571/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Philip Piscopo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Philip Piscopo ta’ 41 sena iben Cesarin u Josephine nee’ Abela imwieled Haz-Zebbug (Malta) nhar l-14 ta’ Mejju 1967 u residenti gewwa 55, Qalb ta’ Gesu’ Triq il-Kuluvert, Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ numru 218567(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn Settembru 2008 u Frar 2009, xjentement xtara jew laqa ghandu pggetti misruqa li l-valur taghhom huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u

tletin centezmu (€2,329.37), mehduha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Novembru 2009 (esebita a fol. 101 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Gunju 2011, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Gunju 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-11 ta' Novembru 2009 u senjatament l-Artikoli 334, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------